MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 5/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif surrogata fid-drittjiet tal-assikurat taghha John Buttigieg (ID 454752M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess John Buttigieg**

**Vs**

**David Grima (ID 366078M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta Jannar, 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u sittin lira u erba centezmi (Lm160.04) rapprezentanti danni kkagonati f'incident stradali ta nhar it-2 ta Frar 2003 gewwa M'Scala bejn vetturi numru CBE 031 misjuqa mill-konvenut u vettura numru NAD 982 proprjeta tal-attur u misjuqa minnu wkoll ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-istess konvenut..

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 17 ta Settembru 2004 u tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz u bl-imghax pagabbli mis-17 ta Settembru 2004 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-20 ta Ottubru 2006, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni tieghu u l-anqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' mija u sittin lira u erba centezmi (Lm160.04) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-17 ta Settembru 2004 u bl-ispejjes ta' dina l-istanza a kariku tal-istess konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------